## LILL-KAV. DR. ĠUŻÈ GALEA, M.B.E., M.D., D.P.H.

*Ta'* KARMENU MALLIA

*B'qima fil-jum li lilu ngħatat il-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi"*

Ħalli jagħdab il-mewġ ma' l-art żonqrija
Li tobżqu lura, 'l isfel ġod-deghbien;
Ħalli jitħarbat u jiswied is-sema
Bis-sħab tqil u magħqud; ħiegħu l-bibien
Jinfetħu beraħ u mar-riħ tinstama'
Xita tlebbet fuq żwiemel tan-nirien.

Le, tibża' xejn, Int tibqa' dejjem wieħed
Fost dawk l-ulied Maltija, qalbenin.
Għalik u għalihom Malta xxerred demmha
Sabiex turikom qalbha, O Maħbubin.
Għalikom Malta 'd-dinja kollha ssemma'
L-għanja li tqegħ'dkom ma' nies kbar, għoljin.

Ifraħ, għax Int ukoll mill-wirt li ħalla
Missierek, il-Kbir Malti, Ġużè x-xiħ,
Messek għaliex komplejt issaqqi miegħu
Dak li minnu miżrugħ bla tar mar-riħ.
B'xogħlok twaħħadt mal-moħħ u mar-ruħ tiegħu.

Mel'it'a wkoll ma' sħabek dik il-għolja
Sabiħa illi ttemm fi premju kbir.
Hemm fuq il-Musi jistennewk b'kuruna
Li tistħoqq lilek; b'qalbek tfur sa ttir,
Hudha mn'idejn il-Musi li annuna
Jgħannulek l-għanja ta' Rebħ u Tifħir.

---



## "Vestru"

*Ta'* J. E. BUSUTTIL

BIL-HIDMA u l-bżulija tal-kappillan inġabret is-somma għall-bradella li kellha bżonn il-vara tat-tituiar tal-knisja tar-raħal billi l-bradella l-qadima ma kienx għad baqgħalha sura u anqas ma kienet tixraq għall-ħiewwa u l-ġmiel ta' l-istatwa u kienet tidher ta' kuntrast bħal meta mara tkun bi lbies ġdid u jlellex u jkoliha żarbun imraqqa', imqatta' u mċewlaħ. Il-kappillan kellu f'moħħu li jagħmei bradella kif jixraq ħalli kulħadd, kemm tar-raħal u kemm il-barranin, joħorġu jiftaħru.

Dun Alfons — għax hekk kien jismu l-kappillan — lejla waħda kif kien id-dar qiegħed jifli bir-reqqa kollha ż-żewġ disinnji tal-bradella, wieħed tal-perit u l-ieħor ta' Mastru Ġan Nikol, li kien magħruf bħala wieħed mill-aħjar disinjaturi, dar lejn ommu, li kienet tgħammar miegħu u qallha: "Li kieku kellek tagħżel minn dawn it-tnejn, liema tagħżel?" Ix-xwejħa Sa' Katarin, warrbet il-kalzetta li kienet taħdem, ħadet id-disinnji, għolliet in-nuċċali għal mument minn fuq imneħirha, mesħet għajnejha bit-tarf tal-maktur, reġgħet poġġiet in-nuċċali, u: "Dawn x'inhuma, Fons?"' "Dawk, sinjura Katarin, id-disinnji tal-bradella l-ġdida", qabeż pront Lippin, is-sagristan li kien hemm ukoll. Ix-xwejħa bdiet daqqa tħares lejn disinn u daqqa lejn l-ieħor u wara li fliethom sewwa, warrbet dak tal-perit u qalet. "Ikolli nagħżel, nagħżel dan, għalkemm l-ieħor ma fihx xi tmaqdar." "Rajtx, Sur kappillan, kif deherli jien ukoll li dak ta' Mastru Ġann Nikol hu isbaħ". reġa' qabeż Lippin. U billi l-kappillan kien ukoll ta' l-istess fehma, ġie magħżul id-disinn ta' Mastru Ġann Nikol.

Issa l-kappillan bħal qisu ssomma fuq dan l-imbierek disinn. u b'sebgħu l-werrej ta' idu l-leminija rama jħokk taħt widintu l-leminija, għaliex hekk kellu d-drawwa meta kien isib ruħu xi ftit imfixkel u barra minn hekk, kien ukoll ikemmex xi ftit ġbinu. Lippin ma damx ma nduna li l-kappillan ħass ruħu mfixkel u sa dan il-waqt, is-Sa Katarina reġgħet qabdet taħdem il-kalzetta. "X'inqala', sur kappillan?", staqsa Lippin x'ħin ra dik iċ-ċaqliqa mill-kappillan u hawn il-kappillan, dejjem iħokk taħt widnejh, ħamħam u b'għajnejh dejjem fuq id-disinn, qal minn taħt l-ilsien, "Issa l-bużillis, min se jaħdem il-bradella, għax biċċa